MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Numru 691/2008

Il-Pulizija
(Spettur Priscilla Caruana)

vs

Ritianne Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ta' karta ta' identità numru 145181(M), akkuzata talli:

**1.** fit-13 ta' Mejju 2008 ghall-habta tal-22:15hrs gewwa Triq il-President Anton Buttigieg, Zejtun, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b' nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghha, jew b' nuqqas ta' tharris ta' regolamenti, ikkagunat offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta' Anthony Degabriele skond kif iccertifika Dr. Kevin Borg MD reg 5073 mill-Isptar Mater Dei,

**2.** Attakkat jew ghamlet rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xort'ohra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Dr. Michael Spiteri Med. Reg. 2666, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta' ordni moghti skond il-Ligi mill-awtorita' kompetenti;

**3.** Ingurjat, jew heddet jew ghamlet offiza fuq l-istess Dr. Michael Spiteri, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li tbezzghu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

**4.** Ikkagunat feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Dr. Michael Spiteri;

**5.** Saq il-vettura DBP361 b'manjiera bla kont, traskurata u perikoluza;

**6.** Kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat, glied jew mod iehor, u talli qalet kliem oxen li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kas ta' htija tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza ssir sommarjament, mhux opposta.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jiskaturixxu minn incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Mejju 2008 f'Triq il-President Anton Buttigieg iz-Zejtun. L-imputata kienet qeghdha ssuq vettura numru ta' registrazzjoni DBP361 li habtet ma' vettura stazzjonarja. Apparti d-danni fil-vetturi, il-passiggier fil-vettura misjuqa mill-imputata, sofra griehi li kienu ccertifikati gravi.

Stabbilit li l-entita' tal-griehi sofferti mill-passigier huma f'entita' li jaqghu fl-ambitu tal-Artikolu 216 tal-Kap 9 u kkonsidrat l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputata ghall-akkuzi migjuba kontra taghha fuq liema ammissjoni insistiet anka wara li l-Qorti tatha zmien tirrikonsidra.

Issib, ghalhekk, l-imputata hatja tal-akkuzi dedotti.

Rat l-Artikolu 216(d), 95, 96, 221, 338(dd) u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap 65, tiddeciedi:

- fuq l-ewwel tlett akkuzi tilliberaha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 ghal sentejn mill-lum.
- fuq ir-raba' akkuza tikkundannaha €100 multa;
- fuq il-hames akkuza tissospendi l-licenzji taghha tas-sewqan ghal tmien t'ijiem mill-lum.
- fuq is-sitt akkuza tikkundannaha ammenda ta' €50.

Il-Qorti spjegat lill-imputata r-responsabbilitajiet taghha skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------